# L-istatwa ta' San Ġużepp fix-Xagħra Għawdex

Tagħrif minn Ryan Vella


San Ġużepp Xagħra, Għawdex.

Qabel il-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta, l-poplu Malti kien dejjem jgħix f'biża kbira minħabba l-attakki kontinwi tal-furbani, u li f'dawk iż-żminijiet kienu bosta. Din il-biża' żammet lura lil dawn in-nies milli jgħixu ħajja normali u għalhekk mċaħħda milli jesprimu l-kreattività tagħhom sabiex biha jfaħħru 'l Alla. Mal-miġja ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta fl-1530, il-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-gżejjer żdiedu u dan wassal sabiex l-attakki naqsu drastikament. Din is-sigurtà wasslet lill-poplu Malti sabiex joħroġ il-kreattività tiegħu u jibda jibni tempji ferm akbar u isbaħ mill-bosta kappelli u knejjes li kellu qabel. Fil-maġġoranza tagħhom, dawn il-knejjes kienu lesti lejn l-aħħar tas-Seklu Dsatax. Interessanti kien il-fatt li malli dawn il-knejjes kienu jkunu lesti mix-xogħol tal-bini kienu jiġu iddekorati bl-aqwa skultura, pittura, statwi u ħafna opri oħra, xogħol l-artisti Maltin . Fost dawn insibu lil Vincenzo Dimech (1768-1833), Carlo Darmanin (1825-1905), Pietro Paolo Azzopardi, Mariano Gerarda, Abram Gatt (1863-1944) u bosta oħrajn, u li sal-lum għadna nsibu x-xogħolijiet tagħhom imxerda mal-knejjes ta' Malta u Għawdex[1].

L-użanza tax-xiri ta' l-statwi u li bihom il-knejjes tagħna komplew jissebħu kompliet tikber u tissaħaħ lejn l-aħħar tas-Seklu Dsatax u l-bidu tas-Seklu Għoxrin. Għal dan il-għan, il-kummissjonanti nkarigati mix-xiri ta' dawn l-istatwi bdew ifittxu xogħlijiet ġodda lil hinn minn xtutna, partikolarment mill-Italja u minn Franza. F'dan l-perjodu nsibu wkoll bidla ta' kif kienu jsiru dawn l-istatwi, u li fejn qabel kienet popolari l-iskultura fl-injam, issa t-teknika tbiddlet għal dik magħrufa bħala *papier-mâché* jew kif nafuha aktar bħala l-kartapesta.

Fl-1879, l-fratellanza ta' San Ġużepp fi ħdan l-knisja tax-Xagħra Għawdex, ordnat statwa tal-patrun tagħha mingħand il-kumpanija Franċiża *Gallard et Fils* ta' Marsilja. Ta' min għid illi din il-kumpanija kienet l-istess waħda li artistikament ħadmet l-vara titulari ta' dan ir-raħal, eżattament sitt snin qabel[2]. Jidher biċ-ċar illi din il-kumpanija kienet ferm popolari mal-Maltin u l-Għawdxin, fejn f'Għawdex biss nsibu seba' statwi titulari magħmula minnha. L-ispejjeż kollha marbuta max-xiri ta' din l-istatwa ġew iffinanzjati minn Aluigi Cini[3].

L-istatwa ta' San Ġużepp tirrappreżenta lil istess qaddis, b'dehra ħosbiena, u b'Ġesù tfajjel rieqed fuq idejh il-leminija. Fl-id l-oħra nsibu l-ġilju, simbolu tas-safa u dan għax il-Mulej għażlu sabiex ikun l-għarus tal-Vergni Marija. Artistikament din l-istatwa tixbaħ ħafna lil istatwa ta' San Ġużepp li tinsab fil-knisja parrokkjali ddedikata lil San Pawl, fir-Rabat, kif ukoll lil dik li tinsab fil-knisja tal-Qala Għawdex. Kemm l-istatwa ta' San Ġużepp tar-Rabat kif ukoll dik tal-Qala saru fl-1890 mill-istess kumpanija *Gallard et Fils*.

Fl-1979, għall-okkażjoni tal-mitt sena anniversarju tal-knisja parrokkjali tax-Xagħra din l-istatwa ġiet irrestawrata mill-iskultur Għawdxi Michael Camilleri Cauchi. Preżentament din l-istatwa tinsab f'niċċa fuq wieħed mill-bibien tal-ġenb ta' din il-knisja[4].

[1] **For a discussion on their works see Victor Caruana,** *The art of papier-mâché in Malta between the 19th and early 20th centuries: technical and art historical considerations*, **Unpublished M.A. Dissertation, University of Malta, 2005.**

[2] **Caruana,** *op.cit.* **p. 147.**

[3] **Julian Refalo Rapa,** *The Xagħra Monumental Church,* **1969 p. 23.**

[4] **John Sultana, "Ix-Xagħra u San Ġużepp",** *Ix-Xagħra,* **Jan-Mar, 1991 p.10.**